MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Numru. 689/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Johan Sultana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Johan Sultana** ta' 23 sena, bin Martin u Teresa *nee'* Cassar, imwieled Pieta', residenti Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' numru 47882M;

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli bil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Marzu 2003, f'Sasnta Venera kkommettejt serq ta' vettura ta' ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni VEN-002 li hija stmata li tiswa aktar minn Lm1000 ghad-dannu ta' Venera Willoughby minn Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli f'xi hin bejn is-26 u s-27 ta' Mejju 2002, gewwa s-Swieqi, ikkommettejt serq ta' diversi dokumenti fost oggetti ohra minn vettura ta' ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni AAG-431 ghad-dannu ta' Victor Borg Barthet mis-Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Talli fl-istess, data, hin u cirkostanzi, volontajament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tal-imsemmi Victor Borg Barthet, leima hsara ma tiskorriex il-Lm50 izda hija izjed minn Lm10.

Talli ksirt provvediment ta' tlett (3) sentenzi sospizi ta' prigunerija li gew moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Mizzi fis-26.01.2001 u mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima tas-07.10.2002 u tal-15.10.2002

Talli ksirt ordni ta' probation moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati Malta Magistrat Dr. C. Scerri Herrera datata 05.06.2002 u Magistrat Dr. A. Micallef Trigona datata 03.12.2002

Talli rrendejt ruhek recediv ai termini tal-artikolu 45, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati Malta Magistrat Dr. A. Mizzi datata 10.05.1999 u Magistrat Dr. S. Meli datata 25.05.1999, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-13 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun processat u gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 261(b)(c)(f)u(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 325, 49,50,289,28B u 353 tal-Kap 9 u 21 tal-Kap 446;

Rat il-verbal tat-23 ta' Marzu 2006 fejn l-imputat ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jemergi illi nhar l-20 ta' Marzu, 2003, sid il-vettura VEN-002 kienet innotat li l-vettura taghha li kellha valur, dakinhar, ta' bejn Lm1300 u Lm1500, ma kienitx fil-post fejn kienet hallieta msakkra il-lejl ta' qabel wara l-bieb tad-dar taghha Sta. Venera. Wara tfitxija  din il-vettura instabet fl-inhawi tal-Marsa bi hsarat fuqha izda ma kellha ebda hsara fl-ignition lock jew fis-sellatura taghha. Din il-vettura ttiehdet il-kwartieri generali tal-Pulizija fejn kien ezaminata u kienu elevati hames impronti digitali u prezentati f'dawn l-atti bhala Dok CC1;

Sid il-vettura AAG-431 ukoll kien irrapporta li kien sab il-vettura tieghu sgassata u li minn gewwa fiha irrizultaw neqsin xi *credit cards* u karta tal-identita, u affarijiet ohra personali.  Huwa kien nefaq madwar Lm200 biex sewwa l-hsarat.  Din il-vettura ukoll ttiehdet il-kwartieri generali tal-Pulizija fejn kien ezaminata u kienu elevati erba impronti: tnejn digitali, parti minn pala ta' id u wahda ta' qiegh ta' zarbuna.  Dawn l-impronti kienu esebiti f'dawn il-proceduri bhala Dok PG1.

L-impronti elevati kienu jaqblu mal-dawk tal-imputat mizmuma fil-files tal-Pulizija u ghalhekk l-imputat kien suspettat bhala responsabbli ta' dawn iz-zewg

okkazzjonijiet izda fl-interogazzjoni tieghu l-imputat cahad dan kollu. L-interogatorju tal-imputat kien redatt fi stqarrija esebita a fol 87 u 88 tal-process izda l-imputat ma ffirmax din l-istqarrija u ghalhekk il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni tal-kontenut taghha.

Illi l-Qorti kienet innominat espert tal-impronti sabiex jipparaguna l-impronti elevati miz-zewg vettura ma’ dawk tal-imputat li ttiehdu mill-istess espert fil-Qorti quddiem il-Magistrat sottofirmat. L-istess espert, wara li ghamel l-ezami komparattiv ikkonkluda illi wiehed mill-impronti dokumentat bhala 02 BIT 301 kien jaqbel mas-saba’ l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat kif ukoll li lifter iehor dokumentat bhala 02 BIT 303 kien jaqbel mal-pala tal-id ix-xellugija tal-imputat. Id-dokumenti 02 BIT 301 u 02 BIT 303 kienu elevati mill-vettura AAG-431 li kienet instabet sgassata u b’dokumenti neqsin minnha.

Mir-relazzjoni tal-espert tal-impronti jirrizulta n-ness bejn l-imputat u l-isgass fil-vettura AAG-431 u fl-istess waqt ma tirrizulta ebda konnessjoni bejn l-imputat u s-serq tal-vettura VEN 002 almenu kwantu jirrigwarda l-prova provenjenti minn dawn l-impronti u dan ghaliex l-istess espert ma sabx dawk il-karatteristici sufficjenti biex jghid li dawk l-impronti huma definitivament tal-imputat. Minkejja li l-ufficjal prosekutur xehed illi meta l-Pulizija ipparagonaw l-impronti elevati ma dawk li jinsabu fl-arkivji taghhom u li kienu jaqblu ma’ dawk tal-imputat, dan ma jistax jittiehed in konsidrazzjoni ghal fini ta’ dawn il-proceduri ghaliex illum huwa pacifiku li tali paragun ghandu jipproduci punti karatteristici sufficjenti biex ikun hekk konkluz kif tajjeb spjega l-espert tal-impronti nominat minn din il-Qorti. Stante li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ohra li tista’, b’xi mod, torbot l-imputat mas-serq tal-vettura VEN 002, il-Qorti ma tistax issib htija fih f’dan ir-rigward. L-istess ma jistax jinghad izda dwar il-vettura AAG-431 li darba instabu l-impronti tal-imputat fuqha. F’dan ir-rigward, sid il-vettura xehed li kien sabha sgassata izda kien hallas hu ghall-ispejjez biex isewwiha ghaliex ma kienx jaqbel li jinvolvi lill-assikurazzjoni. Huwa ma jiftakarx kemm hallas biex sewwa il-hsara. Il-karta tal-

identita’ u xi cards ohra instabu aktar tard u kienu ritornati lill-vittma.

Ghalhekk, filwaqt illi l-ewwel akkuza ma tirrizultax pruvata u l-imputat qed ikun illiberat minnha, isibu hati tat-tieni u t-tielet akkuza. Dwar l-aggravju aggunt mill-avukat generali kif ravvizat fl-artikolu 270 u cioe’ l-aggravju tal-hin, dan ma jirrizultax stante li hadd ma xehed li dan is-serq sehh f’xi hin kontemplat fl-istess artikolu. Konsegwentement jehtieg li jkunu ezaminati ir-raba, l-hames u s-sitta akkuza;

Dwar ir-raba u l-hames akkuzi rigwardanti l-ksur tal-provvedimenti ta’ tlett (3) sentenzi sospizi ta’ prigunerija li gew moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Mizzi fis-26.01.2001 u mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima tas-07.10.2002 u tal-15.10.2002, kif ukoll ghal ksur ta’ ordni ta’ probation imposti mill-Qorti tal-Magistrati Malta Magistrat Dr. C. Scerri Herrera datata 05.06.2002 u Magistrat Dr. A. Micallef Trigona datata 03.12.2002, jirrizulta, minn ezami tal-fedina penali voluminuza tal-imputat, illi dawn kienu gia kunsidrati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Awissu, 2008 skond il-fedina penali aggornata u esebita f’dawn l-atti. Is-sitt akkuza dwar li rrenda ruhu recediv hija indubjament pruvata kif jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet u s-sitt akkuza. Ma ssibux hati tal-ewwel, ir-raba’ u l-hames akkuza u tilliberah minnhom;

Rat l-artikoli 18, 261(b) u (g), 271, 278, 325, 49,50, 289, u 353 tal-Kap 9;

Rat ukoll ir-rapport dettaljati tal-ufficcjali tal-probation u tal-esperta tas-psikologija u minn hawn jemergi illi din il-Qorti tista’ tapplika l-provvediment tal-artikolu 21 tal-Kap 9 u dan sabiex l-imputat ikun jista’ jibda programm ta’ riabilitazzjoni li altrimenti ma jkunx jista’ jaghmel hekk jekk l-piena tinghata fil-parametri kontemplati fil-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, qed tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tlett xhur (3) mil-lum u cioe’ xahrejn anqas

mill-minimu ravvizat mil-ligi oltre l-ispejjez rapprezentanti l-hatra tal-espert Joseph Mallia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------